MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru. 1064/2002

Il- Pulzija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

-vs-

Noel Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Noel Aquilina ta’ 27 sena, iben Mario u Michelina nee’ Bajada, imwieled Pieta’ fit- 23 ta’ Dicembru 1975 u joqghod nru. 62, Narrow Street, Cospicua, detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 40976M.

Akkuzat illi b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

Talli fl- 10 ta’ Frar 2002 f’ xi hin matul il- gurnata, f’ Marsascala, ikkommetta serq ta’ apparat tal- Hi Fi u xi affarjiet ohra mill- vettura Renault bin- numru tar- registrazzjoni HAU397, ghad- detriment ta’ Charles Buhagiar minn Marsascala, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u x- xorta tal- haga misruqa;

Talli fil- 15 ta’ Frar 2002 f’ xi hin matul il- gurnata, minn tas- Sliema, ikkommetta serq ta’ apparat tal- Hi Fi kif ukoll oggetti ohra mill- vetturi Peugeot 306 bin- numru tar- registrazzjoni BEL025, Toyota Starlet bin- numru tar- registrazzjoni IBG465, u Honda CRX bin- numru tar- registrazzjoni NFS100, ghad- detriment ta’ Aurelio Belli mill- Marsa, Robert Borg mis- Siggiewi u Mark Joseph Barbara mis- Swieqi rispettivament, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u x- xorta tal- haga misruqa u bil- valur li ma jeccedix l- elf lira (LM 1000);

Talli fix- xhur ta’ qabel is- 26 ta’ Marzu 2002 f’ dawn il- Gzejjer, ikkommetta serq ta’ apparat tal- Hi Fi minn vettura ghad- detriment ta’ sid mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u x- xorta tal- haga misruqa ;

Akkuzat aktar talli fis- 26 ta’ Marzu 2002 u fix- xhur ta’ qabel, f’ diversi lokalitajiet f’ dawn il- Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad- detriment tal- persuni msemmija aktar l’ fuq, liema hsara komplessivament tiskorri l- hames mitt Lira Maltija (LM 500);

Akkuzat ukoll talli fis- 26 ta’ Marzu 2002 u fix- xhur ta’ qabel, f’ diversi lokalitajiet f’ dawn il- gzejjer, xejnetement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’ l- affarjiet msemmija aktar ‘l fuq, misruqa, mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn malta, jew, xjenetement, b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl- ahhar nett akkuzat bi ksur tal- probation a tenur ta’ l-Artikolu 5 tal- Kap 152 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati datata 19 ta’ Lulju 2000 u gie lliberat bil- kundizzjonijiet kontemplati f’l-artikolu msemmi u talli kkommetta reati waqt il- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati datata 19 ta’ Ottubru 2000.

Rat in- nota ta’ l-Avukat Generali u l-kunsens ta’l-imputat.

Rat x-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 28B, 261(b)(c)(g), 263, 267, 278, 325(1)(a), 334, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f’l-udjenza tas- 6 ta’ Dicembru 2006 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x’jigu konsiderati.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat kien jabbuza mid-droga u dahal f’diversi problemi minhabba dan il-vizzju. Fil-fatt jidher mill-fedina penali tieghu li fil-perjodu bejn is-sena 1999 u 2002 l-imputat ikkommetta diversi reati, fil-maggor parti taghhom serq.

Illi l-imputazzjonijiet odjerni jmorru lura ghas-sena 2002 propju f’dan il-perjodu meta l-imputat kien ghaddej minn zmien difficli.

Illi pero’ jirrizulta ukoll mill-atti li l-imputat qed jaghmel dak kollu possibbli biex jirriabilita ruhu tant li ghamel programm, b’ezietu pozittiv, u issa ilu zmien li qata l-vizju tad-droga u rega’ qed jahdem. Dawn il-fatti gew anke konfermati mill-ufficjal prosekutur waqt id-depozizzjoni tieghu tas-6 ta’ Dicembru 2006.

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat ikkoopera mal-pulizija tant li anke l-oggetti misruqa gew irkuprati. In oltre l-imputat ammetta r-responsabbilta tieghu f’l-istqarrija; ghandu jigi relevant ukoll li ghalkemm kien lahaq ghadda zmien mhux hazin f’dawn il-proceduri qabel ma giet registrata l-ammissjoni formali ta’ l-imputat dan id-dewmin ma kienx attribwibbli biss lill-imputat.

Illi tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja mhiex indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 28B, 261(b)(c)(g), 263,267, 278, 325(1)(a), 334, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal tlett (3) snin.

In oltre b’applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta’ subinciz 2 ta’l-artikolu 28B testendi l-perjodu operattiv tas-sentejn prigunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta’ Ottubru 2000 ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza ta’l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------